MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1725/2002

**Saviour u Lilian konjugi Micallef**

**vs**

**Joseph Mallia, Andre' Grech u Mirachem International Ltd ghal kull interess li jista' ikollhom.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm688.22) rappresentanti danni sofferti minnhom f'incident stradali li sehh fis-16 ta' Jannar 2002 waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAU-518, kif jirrizulta mir-rapport tal-pulizija, anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument SM1. Illi l-konvenut Joseph Mallia huwa impjegat tal-konvenuti Andre' Grech u Mirachem International Limited jew min

minnhom li ghalhekk ghandhom jigu kkundannati solidalment ghal hlas tad-danni.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta'l-avviz kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Mallia ipprezentata fit-8 ta' Ottubru 2002, fejn huwa eccepixxa illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi:

1. In linea preliminari l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni peress illi ghal dan l-incident huwa unikament reponsabbli l-attur Saviour Micallef b'kawza ta' imperizja, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-konvenuti Andre Grech u Mirachem Limited ipprezentata fit-8 ta' Ottubru 2002 fejn huma ecceppew illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi:

1. Ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-konvenut Andre Grech li m'huwiex il-legittimu kontradittur.
2. Ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u is-socjeta konvenuta Mirachem International Limited li m'hix il-legittimu kontraditrur
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' l-atturi u tal-konvenut Joseph Mallia u PC277, Joseph Cini.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ha konjizzjoni tal-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2003, fejn id-difensuri tal-partijiet qabblu li x-xhieda u il-provi f'din il-kawza ghandhom jiswew ghal kawza bejn l-istess partijiet li igib l-avviz numru 2488/02EG fl-ismijiet

Montaldo Insurance Agency Limited nomine et. vs Saviour Micallef u vice versa.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh gewwa San Pawl il-Bahar vicin ir-restaurants bl-isem ta’ Macedonia u il-Gillieru, fil-pjazetta quddiem il-kappella li hemm fl-akwati. L-attur li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru LAL 915 kien ghadu kemm hareg minn fejn kien ipparkeggjat vicin ir-restaurant bl-isem Macedonia u beda nizel fid-direzzjoni tal-Menqa ta’ San Pawl il-Bahar. Hekk kif wasal vicin Triq Toni Bajjada huwa ighid li waqqaf u ra il-konvenut gej u cioe’ hiereg minn din it-triq. Hekk kif il-konvenut kiser sabiex johrog minn din it-triq u dar lejn id-direzzjoni fejn kien wieqaf l-attur huwa haxken mal-genb tal-vettura ta’l-attur u b’hekk sehhet il-kollizzjoni. Il-hsarat rapportati fil-vettura ta’l-atturi fil-fatt kienu fil-genb, fil-bieba ta’ quddiem vicin hafna il-pilastru tan-nofs, liema hsara baqghet testendi lura lejn il-bieba ta’ wara. L-attur sewwa il-hsarat li kellu fil-vettura tieghu u dana skond kif jirriuzlta mir-ricevuti esebieti flimkien ma’l-avviz u immarkati bhala Dokument SM2 a fol.6 sa 12 tal-process.

Illi mill-iskizz tal-habta jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-vettura ta’l-attur tinsab kompletament fuq il-karreggjata taghha filwaqt illi dik tal-konvenut tinsab kemmxejn fuq il-karreggjata ta’l-attur u dana anke kif jirrizulta mix-xhieda ta’l-*investigating officer* PC277 Joseph Cini, li ezebixxa ukoll l-iskizz maghmul fuq il-post ta’l-incident bil-qisien relattivi. Importanti ix-xhieda tieghu meta jippreciza illi bejn il-vettura tal-konvenut u il-bankina seta jibqa jiskorri it-traffiku u cioe’ sa fejn hemm indikat li jinstab il-Gillieru Restaurant, tant illi sahanistra kienet anke ghaddiet karozza tal-linja. Dana huwa indikazzjoni cara illi l-vettura tal-konvenut wara l-impatt, kienet tinstab wieqfa fuq parti mill-karreggjata tal-konvenut. Dana ma kienx il-kaz fejn jirrigwarda l-attur u cioe’ bejn il-vettura ta’l-attur u il-bankina fuq in-naha tieghu ma kienx hemm bizzejjed distanza sabiex tghaddi vettura u il-vettura ta’l-attur kienet wieqfa iktar vicin il-bankina.

Illi mill-okkorrenza esebieta inoltre minn PC277 Jospeh Cini, jirrizultaw zewg fatturi determinanti u cioe' illi fl-ewwel lok, l-attur kien wieqaf qabel ma sehh l-impatt u fit-tieni lok, illi l-konvenut ammetta dak in-nhar ta'l-incident illi huwa ma kienx induna bil-presenza tal-vettura misjuqa mill-attur.

Fil-fatt l-konvenut fix-xhieda tieghu jammetti illi l-ewwel darba li ra l-vettura ta'l-attur kien mal-mument ta'l-impatt. Fil-fatt huwa lanqas induna li kien sehh l-impatt peress illi il-vettura li kien qieghed isuq li hija vann, hija kemmxejn gholja. Induna li sehh l-impatt meta sema il-hoss mal-mera tal-genb tahbat mal-vettura ta'l-attur.

Illi ghalhekk it-Tribunal isibha kemmxejn difficli jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut meta ighid illi kif wasal f'tarf Triq Toni Bajjada huwa hares f'kull direzzjoni ghaliex kieku dan kien minnu huwa certament kien jinduna bil-vettura misjuqa mill-attur. Huwa ighid li laqat il-vettura ta'l-attur bir-rota ta' quddiem tal-vettura tieghu, li jindika car u tond illi huwa kien diga lehaq kiser ghal got-triq principali u mhux kif jixhed meta ighid illi l-vettura tieghu waqqfet bil-ponta taghha thares imgenba lejn id-direzzjoni tal-Gillieru restaurant, ghaliex kieku dan kien minnu huwa ma seta qatt jolqot il-vettura tal-attur fil-genb taghha.

Illi ghalhekk jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi huwa l-konvenut li jahti ghal dan l-incident stradali u dana meta huwa hareg minn Triq Toni Bajjada u kiser ghal got-triq principali minghajr ma ha l-prekawzzjonijiet kollha necessarji, fosthom minghajr ma ivverifika x'traffiku kien hemm fit-triq principali fej  huwa kien bi hsiebu idur u inoltre illi meta huwa kiser invada il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET SOLLEVATI MILL-KONVENUTI ANDRE GRECH U MIRACHEM INTERNATIONAL LIMITED.</u>**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet proprjeta' ta' Andre Grech u is-socjeta minnu rappresentata Mirachem International Limited. Fil-

fatt jidher illi fiz-zmien ta'l-incident il-konvenut kien impjegat ma'l-istess socjeta.

Illi madanakollu ma jidhirx illi dawn il-konvenuti kienu b'xi mod involuti fl-incident stradali mertu tal-kawza u ghalhekk ma jistghux jinstabu hatja ta' azzjoni illi huma ma kenux responsabbli ghaliha. Illi hija massima legali illi kulhadd iwiegeb ghad-danni ikkagjonati minnhabba xi nuqqas da parti tieghu. Ma jirrizultax illi l-konvenuti Andre Grech jew Mirachem International Limited kienu b'xi mod involuti f'dan l-incident jew li setghu kienu responsabbli ghall-istess u kwindi l-eccezzjonijiet minnhom sollevati jisthoqqu li jigu milqugha u ghalhekk ghandhom jigu illiberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni. Inoltre is-surveyor Joseph Buttigieg jikkonferma illi l-ammont tad-danni mitluba hija kompatibbli mal-hsarat rapportati fil-vettura ta'l-attur u kwindi it-talba ta'l-attur f'dan ir-rigward tisthoqq li tigi milqugha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jiddikjara il-konvenut Joseph Mallia unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u kwindi ighaddi biex filwaqt illi jilqa' it-talba attrici fil-konfront ta'l-istess konvenut, jikkundanna lill-konvenut Joseph Mallia ihallas lill-atturi is-somma ta' sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu bl-imghaxijiet legali, filwaqt li jillibera il-konvenuti l-ohra, Andre Grech u Mirachem International Limited, mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, fejn dawn jirrigwardaw il-konvenut Joseph Mallia ghandhom jigu sopportati interament mill-imsemmi konvenut, filwaqt illi l-ispejjez konnessi mal-konvenuti Andre Grech u Mirachem International Limited ghandhom jigu issoportati mill-atturi..

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------